SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

9 ta' Settembru 2015 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-liġijiet — Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, ta' negozji jew ta' partijiet minn impriżi jew minn negozji — Kunċett ta' trasferiment ta' negozju — Obbligu li ssir talba għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE — Allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt ta' kumpens għad-dannu subit minħabba tali ksur għall-annullament minn qabel tad-deċiżjoni li tkun ikkawżat dan id-dannu"

Fil-Kawża C-160/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Varas Cíveis de Lisboa (il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Diċembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' April 2014, fil-proċedura

**João Filipe Ferreira da Silva e Brito *et***

vs

**Estado português,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), President tal-Awla, K. Lenaerts, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-funzjoni ta' Mħallef tat-Tieni Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Frar 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Ferreira da Silva e Brito *et*, minn C. Góis Coelho, S. Estima Martins u R. Oliveira, advogados,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u A. Fonseca Santos, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues, D. Colas u F.-X. Bréchot, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Varrone, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Enegren, M. França, M. Konstantinidis u M. Kellerbauer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2015,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, ta' negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98), tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE kif ukoll ta' ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, M. Ferreira da Silva e Brito u 96 persuna oħra u, min-naħa l-oħra l-Estado português (l-Istat Portugiż) dwar allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni, imputabbli lis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema).

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Id-Direttiva 2001/23 ikkodifikat id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU 1998 L 61, p. 26), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 201, p. 88).

4 Fi kliem il-premessa 8 tad-Direttiva 2001/8:

"Il-konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u trasparenza legali kienu jeħtieġu li l-kunċett legali ta' trasferiment għandu jigi ċċarat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja. Din il-kjarifika ma biddlitx il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187/KEE skont kif interpretat mill-Qorti tal-Gustizzja."

5 L-Artikolu 1(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"(a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' mpriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjiega bhala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le."

6 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Id-drittijiet u l-obbligi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment."

*Id-dritt Portugiż*

7 L-Artikolu 13 tal-Liġi Nru 67/2007 li tadotta s-sistema ta' responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali tal-Istat u ta' entitajiet pubbliċi oħra (Lei nº 67/2007 – Aprova o Regime da Responsabilidade Civil Extracontratual do Estado e Demais Entidades Públicas), tal-31 ta' Diċembru 2007 (*Diário da República*, l-ewwel Serje, Nru 251, tal-31 ta' Diċembru 2007, p. 91117), kif emendata bil-Liġi Nru 31/2008, tas-17 ta' Lulju 2008 (*Diário da República*, l-ewwel Serje, Nru 137, tas-17 ta' Lulju 2008, p. 4454, iktar 'il quddiem ir-"RRCEE"), jipprovdi:

"1. Mingħajr ħsara għas-sitwazzjonijiet ta' kundanna kriminali inġusta u ta' ċaħda mhux iġġustifikata tal-libertà, l-Istat huwa ċivilment responsabbli għad-danni li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ġudizzjarji manifestament antikostituzzjonali jew illegali jew mhux iġġustifikati minħabba żball manifest ta' evalwazzjoni ta' ċirkustanzi fattwali.

2. It-talba għal kumpens għandha tkun ibbażata fuq l-annullament minn qabel tad-deċiżjoni dannuża mill-qorti kompetenti."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

8 Fid-19 ta' Frar 1993, Air Atlantis SA (iktar 'il quddiem "AIA"), kumpannija inkorporata fl-1985 u attiva fis-settur tat-trasport bl-ajru mhux regolari (titjiriet ċarter), ġiet stralċata. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġew suġġetti għal tkeċċija kollettiva.

9 B'effett mill-1 ta' Mejju 1993, TAP, kumpannija li kienet l-azzjonarja prinċipali ta' AIA, bdiet topera parti mit-titjiriet li AIA kellha topera matul il-perijodu bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Ottubru 1993. TAP wettqet ukoll numru partikolari ta' titjiriet ċarter, suq li fih hija ma kinitx attiva sa dak iż-żmien, u dan sa fejn dawn ir-rotot ikkonċernati kienet serviti minn AIA. Għal dan l-għan, TAP użat parti mit-tagħmir li AIA kienet tuża għall-attivitajiet tagħha, partikolarment erba' ajruplani. TAP assumiet ukoll il-ħlas lis-sidien fir-rigward tal-kuntratti ta' kiri relatati ma' dawn l-ajruplani u ħadet it-tagħmir tal-uffiċċju ta' AIA u li din tal-aħħar kienet tuża fil-postijiet tagħha f'Lisbona u f'Faro (il-Portugall), kif ukoll beni mobbli oħra. Barra minn hekk, TAP irreklutat numru partikolari ta' ħaddiema li kienu qabel impjegati ma' AIA.

10 Sussegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew lit-Tribunal do Trabalho de Lisboa (Qorti tax-Xogħol ta' Lisbona) b'azzjoni diretta kontra t-tkeċċija kollettiva li għaliha huma kienu ġew suġġetti, fejn talbu sabiex jiġu integrati mill-ġdid fi ħdan TAP u sabiex jingħataw il-ħlas tar-remunerazzjonijiet tagħhom.

11 B'sentenza tat-Tribunal do Trabalho de Lisboa, mogħtija fis-6 ta' Frar 2007, l-azzjoni ppreżentata kontra din it-tkeċċija kollettiva ntlaqgħet parzjalment, peress li din il-qorti ordnat li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiġu integrati mill-ġdid fil-kategoriji korrispondenti, kif ukoll li jitħallsu kumpensi. It-Tribunal do Trabalho de Lisboa kkonkluda, f'dan il-każ, li kien hemm trasferiment ta' negozju, tal-inqas parzjali, sa fejn l-identità tan-negozju nżammet u l-attivitajiet tagħha tkomplew, billi TAP ħadet post il-persuna li timpjega preċedenti fil-kuntratti tax-xogħol.

12 Minn din is-sentenza sar appell quddiem it-Tribunal da Relação de Lisboa (il-Qorti tal-Appell ta' Lisbona) li, b'sentenza tas-16 ta' Jannar 2008, annulla s-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza, sa fejn din ikkundannat lil TAP sabiex tintegra mill-ġdid lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u sabiex tħallashom kumpensi, fuq il-bażi tal-fatt li d-dritt sabiex tiġi eżerċitata azzjoni kontra t-tkeċċija kollettiva kkonċernata kienet skadiet.

13 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqu appell ta' kassazzjoni quddiem is-Supremo Tribunal de Justiça li, b'sentenza tal-25 ta' Frar 2009, iddeċieda li din it-tkeċċija kollettiva ma kienet ivvizzjata minn ebda illegalità. Din il-qorti rrilevat li ma huwiex suffiċjenti li attività kummerċjali "sempliċement titkompla" sabiex ikun jista' jiġi konkluż li kien hemm trasferiment ta' negozju, ladarba huwa neċessarju wkoll li l-identità tan-negozju tinżamm. Issa, f'dan il-każ, meta TAP operat it-titjiriet inkwistjoni matul is-sajf tal-1993, hija ma użatx "entità" tal-istess identità bħall-"entità" li qabel kienet tappartjeni lil AIA. Fl-assenza ta' identità bejn iż-żewġ "entitajiet" ikkonċernati, ma jistax jiġi konkluż li kien hemm trasferiment ta' negozju.

14 Is-Supremo Tribunal de Justiça kkunsidra wkoll li ma kien hemm ebda trasferiment ta' klijentela minn AIA għal TAP. Barra minn hekk, skont din il-qorti, AIA kellha negozju marbut ma' beni partikolari, f'dan il-każ liċenzja, li ma kinitx trasferibbli, u dan irrenda impossibbli t-trasferiment ta' negozju, peress li l-beni individwali biss, u mhux in-negozju nnifsu, setgħu kienu s-suġġett tal-bejgħ.

15 Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, is-Supremo Tribunal de Justiça rrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja, ikkonfrontata b'sitwazzjonijiet li fihom impriża kienet twettaq attivitajiet li sa dak iż-żmien kienu eżerċitati minn kumpannija oħra, qieset li din is-"sempliċi ċirkustanza" ma kinitx tippermetti li jiġi konkluż li kien hemm trasferiment ta' entità ekonomika, peress li "entità ma tistax tiġi redotta għall-attività li biha hija inkarigata".

16 Peress li xi wħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lis-Supremo Tribunal de Justiça sabiex jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, dan qies li "l-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li jaqa' fuq il-qrati nazzjonali li mid-deċiżjonijiet tagħhom ma jkunx hemm rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali, jeżisti biss meta dawn l-istess qrati jqisu li l-użu tad-dritt tal-Unjoni huwa neċessarju sabiex isolvu t-tilwima quddiemhom u, barra minn hekk, meta tqum kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dan id-dritt". Barra minn hekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-interpretazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar it-trasferiment ta' negozju, ma hemm "ebda dubju rilevanti" fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli "li jimponu r-rinviju għal deċiżjoni preliminari".

17 Skont is-Supremo Tribunal de Justiça, il-"Qorti tal-Ġustizzja nfisha rrikonoxxiet espressament li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-[Unjoni] tista' timponi ruħha b'mod daqshekk ċar li ma tħalli ebda dubju raġonevoli fir-rigward ta' kif għandha tiġi riżolta l-kwistjoni mqajma, b'mod li f'tali każ ikun inapplikabbli wkoll l-obbligu li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari. Issa, [skont din il-qorti nazzjonali,] fid-dawl tal-kontenut tad-[dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni] iċċitati mir-[rikorrenti fil-kawża prinċipali], filwaqt li titqies l-interpetazzjoni li saret mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dawn tal-aħħar u fid-dawl tal-fatti tal-kawża [...] li ttieħdu inkunsiderazzjoni [...], ma [kien] hemm ebda dubju rilevanti fl-interpretazzjoni li [kienet timponi] li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari [...]".

18 Barra minn hekk, is-Supremo Tribunal de Justiça enfasizza li "[...] l-Qorti tal-Ġustizzja pproduċiet ġurisprudenza stabbli relatata mal-problematika tal-interpretazzjoni tar-regoli [tad-dritt tal-Unjoni] marbuta mat-"trasferiment ta' negozju", ladarba id-Direttiva [2001/23] tirrifletti diġà l-konsolidazzjoni tal-kunċetti li hija tinkludi skont din il-ġurisprudenza u dawn huma issa ċari f'termini ta' interpretazzjoni ġudizzjarja (Komunitarja u anki nazzjonali), li [kien] jimplika li ma [kienx] neċessarju f'dan il-każ li ssir il-konsultazzjoni minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja [...]".

19 Għalhekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw azzjoni għar-responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali kontra l-Estado português, intiża għall-kundanna ta' dan tal-aħħar għall-ħlas ta' ċerti danni patrimonjali subiti. Insostenn tal-azzjoni tagħhom, huma sostnew li s-sentenza tas-Supremo Tribunal de Justiça inkwistjoni hija manifestament illegali, sa fejn din tinvolvi interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tad-Direttiva 2001/23, u sa fejn din il-qorti injorat l-obbligu tagħha li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni rilevanti.

20 L-Estado português sostna li, konformement mal-Artikolu 13(2) tar-RRCEE, it-talba għall-kumpens imressqa għandha tkun ibbażata fuq l-annullament minn qabel tad-deċiżjoni dannuża mill-qorti kompetenti, filwaqt li fakkar li, peress l-imsemmija sentenza tas-Supremo Tribunal de Justiça ma ġietx annullata, ma kienx hemm lok għat-talba għall-kumpens li saret.

21 Il-Qorti tar-rinviju tesponi li huwa importanti li jiġi stabbilit jekk is-sentenza mogħtija mis-Supremo Tribunal de Justiça hijiex manifestament illegali u jekk din tagħtix interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju", fid-dawl tad-Direttiva 2001/23 u fid-dawl tal-punti ta' fatt li din il-qorti tal-aħħar kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi stabbilit ukoll jekk is-Supremo Tribunal de Justiça kellux l-obbligu li jipproċedi bir-rinviju għal deċiżjoni preliminari mitlub.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Varas Cíveis de Lisboa (L-Awli Ċivili ta' Lisbona) ddeċidew li jissospendu l-proċeduri u li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23, b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "trasferiment ta' negozji" jinkludi sitwazzjoni fejn impriża attiva fis-suq tat-titjiriet ċarter hija stralċata permezz ta' deċiżjoni tal-azzjonist maġġoritarju tagħha, li huwa nnifsu huwa impriża attiva fis-settur tal-avjazzjoni u, fil-kuntest tal-istralċ, l-impriża parent:

— tassumi l-pożizzjoni tal-kumpannija stralċata fil-kuntratti ta' kiri ta' ajruplani u fil-kuntratti ta' titjiriet ċarter li jkunu għadhom fis-seħħ ma' operaturi turistiċi;

— tiżviluppa l-attività li qabel kienet tipprattika l-kumpannija stralċata;

— terġa' timpjega ċerti ħaddiema li sa dak il-mument kienu tkeċċew mill-kumpannija stralċata u tqiegħdhom jeżerċitaw funzjonijiet identiċi;

— tirċievi tagħmir żgħir mill-kumpannija stralċata?

2) L-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li s-Supremo Tribunal de Justiça, fid-dawl tal-fatt deskritt fid-domanda preċedenti u l-fatt li l-qrati nazzjonali inferjuri li quddiemhom tressaq il-każ adottaw deċiżjonijiet kunfliġġenti, kellu l-obbligu li jressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozji" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23?

3) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipji fformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513), dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati fuq l-individwi bis-saħħa ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn organu ġudizzjarju nazzjonali li jiddeċiedi fl-aħħar istanza, jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali li tirrikjedi bħala bażi għal talba għal kumpens kontra l-Istat ir-revoka minn qabel tad-deċiżjoni li tikkawża preġudizzju?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju" jkopri sitwazzjoni li fiha impriża attiva fis-suq tat-titjiriet ċarter tiġi stralċata mill-azzjonist maġġoritarju tagħha, li huwa, huwa nnifsu, impriża tat-trasport bl-ajru, u li fiha, sussegwentement, din tal-aħħar tieħu post l-impriża stralċata billi tassumi l-kuntratti tal-kiri ta' ajruplani u l-kuntratti tat-titjiriet ċarter li għad iridu jsiru, teżerċita attivitajiet li qabel kienu eżerċitati mil-impriża stralċata, tintegra mill-ġdid ċerti ħaddiema li sa dak iż-żmien kienu impjegati ma' din l-impriża billi tagħtihom funzjonijiet identiċi għal dawk eżerċitati qabel, u tieħu tagħmir żgħir tal-imsemmija impriża.

24 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-Direttiva 77/187, ikkodifikata bid-Direttiva 2001/23, kienet applikabbli fl-ipoteżijiet kollha ta' bdil, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali, tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mill-operazzjoni tal-impriża, li tikkuntratta l-obbligi ta' persuna li timpjega vis-à-vis l-impjegati tal-impriża (ara s-sentenzi Merckx u Neuhuys, C-171/94 u C-172/94, EU:C:1996:87, punt 28; Hernández Vidal *et*, C-127/96, C-229/96 u C-74/97, EU:C:1998:594, point 23, kif ukoll Amatori *et*, C-458/12, EU:C:2014:124, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-Direttiva 2001/23 hija intiża sabiex tiżgura l-kontinwità tar-relazzjonijiet tax-xogħol eżistenti fl-ambitu ta' entità ekonomika, indipendentement minn bdil tal-proprjetarju. Il-kriterju deċiżiv, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment, fis-sens ta' din id-direttiva, huwa għalhekk il-fatt li l-entità inkwistjoni żżomm l-identità tagħha, li jirriżulta partikolarment mit-tkomplija effettiva tal-operazzjoni jew mit-teħid tagħha (ara s-sentenzi Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, punti 11 u 12; Güney-Görres u Demir, C-232/04 u C-233/04, EU:C:2005:778, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Amatori *et*, C-458/12, EU:C:2014:124, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-kundizzjoni hijiex issodisfatta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' fatt kollha li jikkaratterizzaw l-operazzjoni kkonċernata, li fosthom jinsabu b'mod partikolari t-tip ta' impriża jew ta' negozju involut, it-trasferiment jew le ta' elementi fiżiċi, bħall-bini u l-beni mobbli, il-valuri tal-elementi mhux fiżiċi fil-mument tat-trasferiment, it-teħid jew le tal-essenzjal tal-effettiv mit-tmexxija ġdida tal-impriża, ir-trasferiment jew le tal-klijentela, kif ukoll il-grad ta' xebh tal-attivitajiet eżerċitati qabel u wara t-trasferiment, u t-tul tal-eventwali sospensjoni ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, dawn l-elementi jikkostitwixxu biss aspetti parzjali tal-evalwazzjoni ta' totalità li għandha ssir u ma jistgħux, minħabba f'hekk, jiġu evalwati b'mod iżolat (ara s-sentenzi Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, punt 13; Redmond Stichting, C-29/91, EU:C:1992:220, punt 24; Süzen, C-13/95, EU:C:1997:141, punt 14, kif ukoll Abler *et*, C-340/01, EU:C:2003:629, punt 33).

27 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-importanza rispettiva li għandha tingħata lid-diversi kriterji neċessarjament tvarja skont l-attività eżerċitata, jiġifieri l-metodi ta' produzzjoni jew ta' operazzjoni użati fl-impriża, fin-negozju jew f'parti min-negozju kkonċernat (ara s-sentenzi Süzen, C-13/95, EU:C:1997:141, punt 18; Hernández Vidal *et*, C-127/96, C-229/96 u C-74/97, EU:C:1998:594, punt 31; Hidalgo *et*, C-173/96 u C-247/96, EU:C:1998:595, punt 31, kif ukoll, f'dan is-sens, UGT-FSP, C-151/09, EU:C:2010:452, punt 28).

28 Huwa fid-dawl ta' dawn il-punti ġurisprudenzjali li l-ewwel domanda mressqa għandha tiġi evalwata, u dan filwaqt li jitqiesu l-punti ta' fatt irrilevati mill-qorti nazzjonali fid-deċiżjoni ta' rinviju u, partikolarment, fil-kliem ta' din l-ewwel domanda.

29 Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li, f'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda s-settur tat-trasport bl-ajru, it-trasferiment ta' materjal għandu jitqies element essenzjali sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liikenne, C-172/99, EU:C:2001:59, punt 39).

30 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li TAP ħadet post AIA fil-kuntratti ta' kiri ta' ajruplani u fil-fatt użathom, kif jidher mit-teħid ta' elementi indispensabbli sabiex tkun tista' ssir l-attività li kienet qabel eżerċitata minn AIA. Barra minn hekk, ittieħed ukoll numru partikolari ta' tagħmir ieħor.

31 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 48, 51, 53 u 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, elementi oħra jikkorroboraw, fid-dawl tal-kriterji mfakkra fil-punt 26 ta' din is-sentenza, l-eżistenza, fil-kawża prinċipali, ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23. Dan jista' jingħad għall-fatt li TAP ħadet post AIA fil-kuntratti ta' titjiriet ċarter pendenti konklużi ma' operaturi turistiċi, li jirrifletti t-teħid tal-klijentela ta' AIA minn TAP, għall-fatt li TAP kompliet bl-attivitajiet ta' titjiriet ċarter fir-rotot li qabel kienu serviti minn AIA, li jirrifletti t-tkomplija minn TAP ta' attivitajiet li qabel kienu eżerċitati minn AIA, għar-riintegrazzjoni, fi ħdan TAP, ta' impjegati li kienu jaħdmu ma' AIA għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' funzjonijiet identiċi għal dawk eżerċitati fi ħdan din il-kumpannija tal-aħħar, li tirrifletti t-teħid minn TAP ta' parti mill-persunal li kien jaqdi lil AIA, u, finalment, għat-teħid minn TAP, mill-1 ta' Mejju 1993, parti mill-attivitajiet ta' titjiriet ċarter eżerċitati minn AIA sa meta din ġiet xolta fix-xahar ta' Frar 1993, li juri l-fatt li l-attivitajiet ittrasferiti prattikament ma ġewx sospiżi.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa irrilevanti, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, il-fatt li l-entità li l-materjali u parti mill-persunal tagħha ttieħdu u ġew integrati, mingħajr ma nżammet l-istruttura organizzattiva awtonoma tagħha, fl-istruttura ta' TAP, ladarba nżammet rabta bejn, minn naħa, dawn il-materjali u dan il-persunal ittrasferiti lil din il-kumpannija tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, it-tkomplija tal-attivitajiet li qabel kienu eżerċitati mill-kumpannija stralċata. F'dan il-kuntest fattwali, ftit li xejn huwa rilevanti l-fatt li l-materjali kkonċernati ġew użati kemm sabiex isiru titjiriet regolari kif ukoll titjiriet ċarter, fir-rigward, fi kwalunkwe każ, ta' operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru u filwaqt li jitfakkar li TAP onorat l-obbligi kuntrattwali ta' AIA marbuta ma' dawn it-titjiriet ċarter.

33 Fil-fatt mill-punti 46 u 47 tas-sentenza Klarenberg (C-466/07, EU:C:2009:85) jirriżulta li ż-żamma mhux tal-organizzazzjoni speċifika imposta mill-imprenditur għad-diversi fatturi ta' produzzjoni ttrasferiti, iżda tar-rabta funzjonali ta' interdipendenza u ta' komplimentarjetà bejn dawn il-fatturi li tikkostitwixxi l-element rilevanti sabiex jiġi konkluż li tkun inżammet l-identità tal-entità ttrasferita.

34 B'hekk, iż-żamma ta' tali rabta funzjonali bejn id-diversi fatturi ttrasferiti tippermetti liċ-ċessjonarju juża lil dawn tal-aħħar, anki jekk dawn huma integrati, wara t-trasferiment, fi struttura organizzattiva ġdida differenti, sabiex ikompli attività ekonomika identika jew analoga (ara s-sentenza Klarenberg, C-466/07, EU:C:2009:85, punt 48).

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li għall-ewwel domanda tingħata r-risposta li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju" jkopri sitwazzjoni li fiha impriża attiva fis-suq tat-titjiriet ċarter tiġi stralċata mill-azzjonist maġġoritarju tagħha, li huwa, huwa nnifsu, impriża tat-trasport bl-ajru, u li fiha, sussegwentement, din tal-aħħar tieħu post l-impriża stralċata billi tassumi l-kuntratti tal-kiri ta' ajruplani u l-kuntratti tat-titjiriet ċarter li għad iridu jsiru, teżerċita attivitajiet li qabel kienu eżerċitati mill-impriża stralċata, tintegra mill-ġdid ċerti ħaddiema li sa dak iż-żmien kienu impjegati ma' din l-impriża billi tagħtihom funzjonijiet identiċi għal dawk eżerċitati qabel, u tieħu tagħmir żgħir tal-imsemmija impriża.

*Fuq it-tieni domanda*

36 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u, partikolarment, minħabba l-fatt li istanzi ġudizzjarji inferjuri adottaw deċiżjonijiet diverġenti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "transferiment ta' negozju", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti li għad-deċiżjonijiet tagħha ma jkunx hemm rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali hija, bħala prinċipju, marbuta li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett.

37 F'dan ir-rigward, jekk stess huwa veru li l-proċedura mressqa skont l-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-ewwel waħda tagħti lit-tieni l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima li biha huma jkunu ġew aditi, xorta waħda jibqa' l-fatt li, meta ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali kontra d-deċiżjoni ta' qorti nazzjonali, din tal-aħħar hija, bħala prinċipju, marbuta li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, meta tqum quddiemha kwistjoni li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza Consiglio nazionale dei geologi u Autorità garante della concorrenza e del mercato, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Fir-rigward tal-portata ta' dan l-obbligu, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita sa minn meta ġiet ippronunzjata s-sentenza Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335) li qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali hija marbuta, meta tqum quddiemha kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, li taderixxi mal-obbligu tagħha li tagħmel rinviju, sakemm ma tkunx ikkonstatat li l-kwistjoni mqajma ma hijiex rilevanti jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kkonċernata tkun diġà ġiet suġġetta għal interpretazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tkun tant evidenti li ma tagħti lok għal ebda dubju raġonevoli.

39 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-eżistenza ta' tali eventwalità għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi proprji tad-dritt tal-Unjoni, tad-diffikultajiet partikolari li l-interpretazzjoni ta' dan tal-aħħar tinvolvi u tar-riskju ta' diverġenzi ta' ġurisprudenza fi ħdan l-Unjoni (sentenza Intermodal Transports, C-495/03, EU:C:2005:552, punt 33).

40 Ċertament, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni hijiex tant evidenti li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli u, konsegwentement, li tiddeċiedi li tastjeni milli tibgħat lill-Qorti tal-Ġustizzja kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun ġiet imqajma quddiemha (ara s-sentenza Intermodal Transports, C-495/03, EU:C:2005:552, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, l-eżistenza, fiha nfisha, ta' deċiżjonijiet kontradittorji mogħtija minn qrati nazzjonali oħra ma tistax tikkostitwixxi element determinanti li jista' jimponi l-obbligu stipulat fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

42 Il-Qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tista' fil-fatt tqis, minkejja interpretazzjoni partikolari ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni minn qrati inferjuri, li l-interpretazzjoni li hija tipproponi li tagħti lill-imsemmija dispożizzjoni, differenti minn dik adottata minn dawn il-qrati, hija l-interpretazzjoni applikabbli mingħajr ebda dubju raġonevoli.

43 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, fir-rigward tal-qasam ikkunsidrat f'dan il-każ u kif ukoll kif jirriżulta mill-punti 24 sa 27 ta' din is-sentenza, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju" qajmet diversi mistoqsijiet min-naħa ta' numru ta' qrati nazzjonali li, b'hekk, kellhom jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn il-mistoqsijiet jixhdu mhux biss l-eżistenza ta' diffikultajiet ta' interpretazzjoni, iżda wkoll il-preżenza ta' riskji ta' ġurisprudenza diverġenti fil-livell tal-Unjoni.

44 Minn dan isegwi li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, ikkaratterizzati kemm minn linji ta' ġurisprudenza kontradittorji fil-livell nazzjonali dwar il-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tad-Direttiva 2001/23, kif ukoll minn diffikultajiet ta' interpretazzjoni rikorrenti ta' dan il-kunċett fid-diversi Stati Membri, qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali għandha taderixxi mal-obbligu tagħha li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja u dan sabiex tevita r-riskju ta' interpretazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni.

45 Mill-kunsiderazzjoni preċedenti jirriżulta li hemm lok li għat-tieni domanda tingħata r-risposta li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali hija marbuta li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari marbuta mal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, f'ċirkustanzi, bħal dawk tal-kawża prinċipali, ikkaratterizzati kemm minn deċiżjonijiet diverġenti ta' istanzi ġudizzjarji inferjuri fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett kif ukoll minn diffikultajiet ta' interpretazzjoni rikorrenti tiegħu fid-diversi Stati Membri.

*Fuq it-tielet domanda*

46 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni u, partikolarment, il-prinċipji stipulati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi, bħala kundizzjoni preliminari, l-annullament tad-deċiżjoni dannuża mogħtija minn din il-qorti, meta tali annullament huwa, fil-prattika, eskluż.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fid-dawl tar-rwol essenzjali tal-awtorità ġudizzjarja fil-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni, l-effikaċja sħiħa tagħhom titqiegħed f'perikolu u l-protezzjoni tad-drittijiet li dawn jirrikonoxxu tiġi mdgħajfa jekk jiġi eskluż li l-individwi jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiksbu kumpens meta d-drittijiet tagħhom jinkisru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru li tiddeċiedi bħala qorti tal-aħħar istanza (ara s-sentenza Köbler, C-224/01, EU:C:2003:513, punt 33).

48 Il-Qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ma' dawn il-prinċipji tar-regola li tidher fl-Artikolu 13(2) RRCEE, li tipprovdi li talba għal kumpens fuq il-bażi ta' din ir-responsabbiltà "għandha tkun ibbażata" fuq l-annullament minn qabel tad-deċiżjoni dannuża mill-qorti kompetenti.

49 Minn din ir-regola jirriżulta li kull azzjoni għal responsabbiltà tal-Istat minħabba ksur tal-obbligu li jirriżulta min-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE hija inammissibbli fl-assenza tal-annullament tad-deċiżjoni dannuża.

50 Għandu jitfakkar li, ladarba l-kundizzjonijiet relatati mal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat ikunu ssodisfatti, li huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali li jiddeterminaw, huwa fl-ambitu tad-dritt nazzjonali li l-Istat għandu l-kompitu li jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi tad-dannu kkawżat, ladarba l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw pretensjonijiet simili ta' natura nazzjonali (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ġestiti b'mod li jrendi l-ksib tal-kumpens prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) (ara s-sentenza Fuß, C-429/09, EU:C:2010:717, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Issa, regola tad-dritt nazzjonali, bħalma hija dik li tidher fl-Artikolu 13(2) tar-RRCEE, tista' trendi eċċessivament diffiċli l-ksib tal-kumpens għad-danni kkawżati mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni.

52 Fil-fatt, mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha u kif ukoll mid-dibattiti li saru fis-seduta jirriżulta li l-ipoteżijiet li fihom deċiżjonijiet tas-Supremo Tribunal de Justiça jistgħu jkunu suġġetti għal eżami mill-ġdid huma estremament limitati.

53 Il-Gvern Portugiż isostni, f'dan ir-rigward, li d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali kkonċernata tosserva l-preokkupazzjonijiet imnissla mill-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* u mill-prinċipju ta' ċertezza legali. Dan il-gvern jenfasizza, partikolarment, li, fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-eżami mill-ġdid tal-evalwazzjoni ta' korp ġudizzjarju li jiddeċiedi fl-aħħar istanza huwa inkompatibbli mal-funzjoni ta' dan il-korp ġudizzjarju, ladarba l-għan imfittex mid-deċiżjonijiet tiegħu huwa dak li jtemm tilwima b'mod definittiv, taħt piena li jiġu ppreġudikati s-supremazija tad-dritt u l-osservanza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, billi tiddgħajjef il-ġerarkija tal-awtorità ġudizzjarja.

54 Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza li għandu, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, billi ppreċiżat li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, il-modalitajiet ta' implementazzjoni ta' dan il-prinċipju jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fallimento Olimpiclub, C-2/08, EU:C:2009:506, punti 22 u 24).

55 Dwar l-effett tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* fuq is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa suffiċjenti li jitfakkar li r-rikonoxximent tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat minħabba l-fatt tad-deċiżjoni ta' qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza ma għandux fih innifsu l-konsegwenza li jqiegħed f'dubju l-awtorità ta' kawża definittivament deċiża marbuta ma' tali deċiżjoni. Proċedura intiża sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' l-Istat ma għandhiex l-istess għan u ma tinvolvix neċessarjament l-istess partijiet bħall-proċedura li tat lok għad-deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' kawża definittivament deċiża. Fil-fatt, f'kawża għad-danni kontra l-Istat, ir-rikorrent jikseb, jekk jirbaħ, il-kundanna ta' dan l-Istat għal kumpens għad-danni subiti, iżda ma jiksibx neċessarjament il-konfutazzjoni tal-awtorità ta' kawża definittivament deċiża marbuta mad-deċiżjoni ġudizzjarja li kkawżat dan id-dannu. Fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat inerenti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jeżiġi tali kumpens, iżda ma jimponix ir-reviżjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja li kkawżat id-dannu (ara s-sentenza Köbler, C-224/01, EU:C:2003:513, punt 39).

56 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi rrilevat li, anki jekk jitqies li dan il-prinċipju jista' jittieħed inkunsiderazzjoni f'sitwazzjoni legali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan ma jista' bl-ebda mod jostakola l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu.

57 Fil-fatt, teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali jkollu l-effett, meta deċiżjoni mogħtija minn qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tkun ibbażata fuq interpretazzjoni manifestament żbaljata tad-dritt tal-Unjoni, li jimpedixxi lill-individwu milli jsostni d-drittijiet li huwa jista' jikseb mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u, b'mod partikolari, dawk li jirriżultaw minn dan il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat.

58 Issa, dan il-prinċipju tal-aħħar huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom l-Unjoni hija bbażata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Specht *et*, C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ostakolu sinjifikattiv, bħalma huwa dak li jirriżulta mid-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għall-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, ta' prinċipju daqstant fundamentali bħalma huwa dak tar-responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni, ma jistax jiġi ġġustifikat la mill-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* u lanqas mill-prinċipju ta' ċertezza legali.

60 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li hemm lok li għat-tielet domanda tingħata r-risposta li d-dritt tal-Unjoni u, partikolarment, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi, bħala kundizzjoni preliminari, l-annullament tad-deċiżjoni dannuża mogħtija minn din il-qorti, meta tali annullament ikun, fil-prattika, eskluż.

## Fuq l-ispejjeż

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, ta' negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju" jkopri sitwazzjoni li fiha impriża attiva fis-suq tat-titjiriet ċarter tiġi stralċata mill-azzjonist maġġoritarju tagħha, li huwa, huwa nnifsu, impriża tat-trasport bl-ajru, u li fiha, sussegwentement, din tal-aħħar tieħu post l-impriża stralċata billi tassumi l-kuntratti tal-kiri ta' ajruplani u l-kuntratti tat-titjiriet ċarter li għad iridu jsiru, teżerċita attivitajiet li qabel kienu eżerċitati mill-impriża stralċata, tintegra mill-ġdid ċerti ħaddiema li sa dak iż-żmien kienu impjegati ma' din l-impriża billi tagħtihom funzjonijiet identiċi għal dawk eżerċitati qabel, u tieħu tagħmir żgħir tal-imsemmija impriża.**

2) **It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali hija marbuta li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea b'talba għal deċiżjoni preliminari marbuta mal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, f'ċirkustanzi, bħal dawk tal-kawża prinċipali, ikkaratterizzati kemm minn deċiżjonijiet diverġenti ta' istanzi ġudizzjarji inferjuri fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett kif ukoll minn diffikultajiet ta' interpretazzjoni rikorrenti tiegħu fid-diversi Stati Membri.**

3) **Id-dritt tal-Unjoni u, partikolarment, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi, bħala kundizzjoni preliminari, l-annullament tad-deċiżjoni dannuża mogħtija minn din il-qorti, meta tali annullament ikun, fil-prattika, eskluż.**

Firem